MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-11 ta' April, 2013

Numru. 197/2013

**SPETTUR MARIO HABER**
**VS**
**PAUL TABONE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Paul Tabone ta' 62 sena, bin Victor u Margaret nee' Galea, mwieled Sliema fil- 5 ta' Settembru 1950, residenti 3, Sqaq 2A, Triq Castro, Naxxar u detentur tal- Karta tal-Identita' bin- numru 743950M;

1) Talli fil- kapacita tieghu personali kif ukoll fil-kapacita tieghu bhala direttur ta' Tabbingtons Ltd, talli fis-6 ta' Frar 2013 u matul l- ahhar jiem f' dawn il- gzejjer impjega jew ta xoghol lil persun li ma kinux persuni ezenti u li ma kellhomx licenzja moghtija lilhom ghal dak l-impjieg jew xoghol skont id- disposizzjonijiet tal- Att ta' Immigrazzjoni, tal- Kap 217 tal- Ligijiet ta' Malta, jew mod

iehor ghen jew assista persuni mhux ezenti fl- ghemil ta' reat mahsub;

2) Ukoll talli fil- kapacita' tieghu personali kif ukoll fil- kapacita tieghu bhala direttur ta' Tabbingtonts Ltd, talli fl- istess zmien, lok u cirkostanzi, bhala l- persuna responsabbli tax- xoghol li kien qieghed isir fil- fabbrika Tabbingtons Ltd, impjega persuni li ma kinux cittadini ta' Malta meta dawn il- persuni ma kellhomx permess validu u ufficjali;

3) Aktar talli fil- kapacita' tieghu personali kif ukoll fil- kapacita tieghu bhala direttur ta' Tabbingtons Ltd, talli fl- istess zmien, lok u cirkostanzi bhala l- principal, jew il- persuna li impjegat persuni ohra full time, part time jew xort' ohra b' kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill- Korporazzjoni tax- Xoghol u Tahrig b' dan l- impjieg;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 32 tal- Kap 217 u l- Avviz Legali 110 tas- sena 1993 (3a u 10) tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah multa ta' mija u ghoxrin ewro (€120).

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------